**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/5/20/S

Frank Paul Sammut
Vs
Sara Grech Ltd

Illum 20 ta'Mejju,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Frank Paul Sammut pprezentata fit-8 ta'Jannar,2020 u r-risposta tas-socjeta Sara Grech Ltd pprezentata fil-31 ta'Jannar,2020;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tal-20 ta'Frar,2020;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kont ta'dawl u ilma f'fond li inbiegh lir-rikorrenti li min-naha tieghu qed jallega li s-socjeta intimata haditha fuqha li tigbor dan l-ammont minghand il-venditur;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi dan hu element importanti hafna fil-kamp civili u min irid jiddeciedi, irid jaghmel dan a bazi tal-provi imressqa;

Illi dan kollu citat japplika ghall-kaz odjern;

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

Illi t-Tribunal jinnota li l-klawsola numru 19 tal-kuntratt ta' bejgh ippubblikat min-Nutar Dr.Roderick Caruana fl-14 ta'Mejju,2018 jistipula car min ghandu jhallas l-ammonti pendent tad-dawl u l-ilma:

"…*The Vendor declares that she shall pay all water and electricity bills and any bills for any such or other services in the Property to be transferred are up to date…*"[2]

Illi d-dicitura ta' din il-klawsola ma thalli ebda dubbju fuq min kellu jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u r-rikorrenti seta' facilment ha l-passi legali necessarji kontra l-venditrici;

Illi dan it-Tribunal ihoss li mill-provi mressqa, r-rikorrenti ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat u cioe li l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kellhom jithallsu mis-socjeta intimata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Frank Paul Sammut filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Sara Grech Ltd, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[2] Dok B anness mar-risposta tas-socjeta intimata Sara Grech Ltd